bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Pio Pisani)
vs
Carmel Borg, iben
Carmelo, imwieled
Pieta' fit-13 ta'
ġunju, 1956

Illum, 15 ta' ottubru, 2001

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat -
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-Mosta, fit-12 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-2.30 a.m. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS667 Edgar Borg u PC742 Michael Scicluna persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC472 Michael Scicluna persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi kkaġuna offiża fuq il-persuna ta' martu, Maria Dolores Borg, liema offiża titqies li hija ħafifa u dan kif iċċertifika it-Tabib J. Scicluna M.D.;
4. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;
5. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi ħebb kontra martu, Maria Dolores Borg, sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;
6. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;
7. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanżi għad li kien xurban qal kliem oxxen jew indeċenti u kliem li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa;
Il-Qorti ġiet mitluba jekk jidrilha xieraq biex tipproċedi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Maria Dolores Borg u iż-żewġt itfal tagħhom, ta' PS667 Edgar Borg u PC742 Michael Scicluna jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien u/jew minflok mal-piena applikabbli għar-reat torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffisata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-15 ta' ottubru, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' ottubru, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 338(h)(bb)(ee) u 339(d) tal-Kodiċi Kriminali. Rat

il-fedina penali netta ta' l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok tal-applikazzjoni tal-artikolu 384 tal-Kodiċi Kriminali.